GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRANSVERSALI

**ĊIRKULARI**

**Data: 30 ta' Mejju 2023** **Ref: DDLTS 11/2023**

**Għal: Kapijiet tal-Iskejjel (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn: Is-Sur David Degabriele - Uffiċjal Edukattiv għal-Litteriżmu Diġitali (Primarja)**

**Suġġett: Expression of Interest: EU Code Week Malta Educators' Programme 2023 (MT)**

---

Id-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Hiliet Transversali fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni, b'kollaborazzjoni mal-*EU Code Week Team* ġewwa Brussel, il-Fakultà tal-Edukazzjoni u l-*eSkills Malta Foundation* li sponsorjaw dan l-avveniment qegħdin joffru taħriġ lill-edukaturi interessati fl-*EU Code week*, partikolarment fil-*coding u computational thinking*. L-għan ta' dan it-taħriġ huwa li l-għalliema mħarġa jħarġu lill-edukaturi oħra biex ikunu jistgħu jieħdu sehem attiv fl-*EU Code Week*, u jimplimentaw il-*computational thinking* u l-*coding* fil-kurrikulu.

Id-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Hiliet Transversali qed jistieden lill-edukaturi (settur Primarju u Sekondarju) li jixtiequ jieħdu sehem attiv f'dan l-avveniment billi jorganizzaw u jagħtu taħriġ (il-ħlas għat-taħriġ huwa ta' €21.42 s-siegħa).

**Termini u kundizzjonijiet**

- L-applikanti jridu jagħtu rendikont ta' attivitajiet li organizzaw fl-iskejjel tagħhom li għandhom x'jaqsmu ma' *computational thinking u coding*.
- L-applikanti jrid ikollhom għarfien dwar *computational thinking u coding*.
- L-applikanti jridu jikkollaboraw u jikkoperaw mad-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Hiliet Transversali.
- Dawk eliġibbli ser ikunu assessjati permezz ta' Bord biex jiddetermina jekk jistgħux jaqdu dan l-irwol.

Id-data tal-għeluq tas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija t-**12 ta' Ġunju 2023**. L-edukaturi li huma nteressati jieħdu sehem attiv fl-EU Code Week Malta Educators' Programme 2023 huma mitluba jimlew din il-formola https://bit.ly/EUCWM2023Tutors. Id-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Hiliet Trasversali jżomm id-dritt li ma jilqax kwalunkwe applikazzjoni sottomessa.

Għal aktar informazzjoni ikkuntattjaw lid-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Hiliet Transversali billi tibagħtu imejl f'dan l-inidirizz digital-literacy@ilearn.edu.mt.

**Is-Sur Neil Attard**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**